MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Talba Numru. 329/2003

**Pater Finance Co Ltd**

**Vs**

**Joseph Spiteri u martu Maria Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ elf u hamsa u tmenin lira Maltija [Lm1,085], import ta’ ghaxar kambjali wahda ta’ Lm50 (bilanc) u disgha ta’ Lm115 li mmaturaw minn April 2002 sa Jannar 2003 rispettivament u ma thallsux.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta attrici u li permezz taghha rriduciet it-talba ghall-hlas ta' tlett mija u tnejn u tletin lira Maltija (Lm332) bl-imghax mid-29 ta' Marzu 2003.

Semgha lill-avukat Dr. Stephen Muscat jixhed.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu is-somma ta' tlett mija u tnejn u tletin lira Maltija (Lm332), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------